

L-Erbgħa, 11 ta' Marzu 2009

Ir-responsabilità ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti ***III

P6_TA(2009)0110

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2009 dwar it-test konġunt, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-responsabilità ta' trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti (PE-CONS 3724/2008 – C6-0047/2009 – 2005/0241(COD))

(2010/C 87 E/58)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (PE-CONS 3724/2008 – C6-0047/2009),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ⁽¹⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005)0592),
- wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni (COM(2007)0645),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fit-tieni qari ⁽²⁾ dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-emendi tal-Parlament għall-pożizzjoni komuni (COM(2008)0831),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(5) tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 65 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tad-delegazzjoni tiegħu għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (A6-0102/2009),

1. Japprova t-test konġunt;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 254(1) tat-Trattat KE;
3. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu sabiex jiffirma l-att wara li jkun ivverifika li l-proċeduri ntemmu kif imiss u sabiex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att *fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni leġislattiva lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 74E, 20.03.2008, p. 562.

⁽²⁾ Testi adottati, 24.9.2008, P6_TA(2008)0445.

⁽³⁾ ĠU C 190 E, 29.7.2008, p. 17.